Qorti Ewropea
tad-Drittijiet
tal-Bniedem

# IL-QEDB F'**50** MISTOQSIJA



EUROPEAN COURT OF HUMAN RIGHTS
COUR EUROPÉENNE DES DROITS DE L'HOMME

COUNCIL OF EUROPE
CONSEIL DE L'EUROPE

MLT

# Il-QEDB
# f’50 mistoqsija

Dan id-dokument ġie ippreparat mill-Unita' tar-Relazzjonijiet Pubbliċi tal-Qorti u m'huwiex vinkolanti fuq il-Qorti. Id-dokument huwa intiż biex jagħti informazzjoni bażika fuq kif taħdem il-Qorti.

Għall informazzjoni aktar dettalljata, jekk jogħġbok aqra d-dokumenti maħruġin mir-Reġistru u disponibbli fuq is-sit web tal-Qorti **www.echr.coe.int**.



## Il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem

### 1 Meta ġiet adottata l-Konvenzjoni?

Il-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fondamentali, aħjar magħrufa bħala "Il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem", ġiet miftuħa għall-iffirmar f'Ruma l-4 ta' Novembru 1950; daħlet fis-seħħ fit-3 ta' Settembru 1953.

Il-Konvenzjoni tat effet lil-ċerti drittijiet inklużi fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u ħolqot organu ġudizjarju internazzjonali b'kompetenza li jikkundanna l-Istati li ma jirrispettawx l-impenji tagħhom.

### 2 X'inhu protokoll tal-Konvenzjoni?

Protokoll tal-Konvenzjoni huwa test li jżid wieħed jew aktar drittijiet mal-Konvenzjoni oriġinali jew jemenda uħud mid-dispożizzjonijiet tagħha.

Il-protokolli li jżidu drittijiet mal-Konvenzjoni jorbtu biss dawk l-Istati li ffirmawhom u rratifikawhom; jekk Stat ikun iffirma biss protokoll mingħajr ma rratifikah, id-disposizzjonijiet tal-protokoll ma jkunux vinkolanti fuqu.

S'issa, il-protokolli addizzjonali li ġew adottati huma 14.

### 3 Liema huma d-drittijiet protetti mill-Konvenzjoni?

L-Istati li rratifikaw il-Konvenzjoni, magħrufin bħala "Stati Parti", impenjaw ruħhom biex jiżguraw u jiggarantixxu d-drittijiet ċivili u politiċi fondamentali definiti fil-Konvenzjoni lil kull min jaqa taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom, u mhux liċ-ċittadini tagħhom biss.

Id-drittijiet u l-libertajiet iggarantiti mill-Konvenzjoni jinkludu d-dritt għall-ħajja, id-dritt għal smigħ xieraq, id-dritt għar-rispett għall-ħajja privata u għall-ħajja tal-familja, il-liberta` ta' espressjoni, il-liberta` tal-ħsieb, kuxjenza u reliġjon u l-protezzjoni tal-proprjeta`. Il-Konvenzjoni tipprojbixxi, b'mod partikolari, it-tortura u t-trattament jew piena inumana jew degradanti, ix-xogħol furzat, id-detenzjoni arbitrarja u llegali, u d-diskriminazzjoni fid-dgawdija tad-drittijiet u l-libertajiet iggarantiti mill-Konvenzjoni.

### 4 Il-Konvenzjoni tevolvi?

Iva. Il-Konvenzjoni tevolvi speċjalment grazzi għall-interpretazzjoni tad-disposizzjonijiet tagħha mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Bil-ġurisprudenza tagħha, il-Qorti għamlet il-Konvenzjoni strument ħaj; estendiet id-drittijiet mogħtija u applikathom għal sitwazzjonijiet li ma kienux prevedibli meta ġiet adottata l-ewwel darba l-Konvenzjoni.

Il-Konvenzjoni evolviet ukoll permezz tal-protokolli li żiedu drittijiet ġodda: per eżempju f'Lulju tal-2003 bil-Protokoll Nru 13 dwar l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt fiċ-ċirkostanzi kollha, jew f'April tal-2005 bil-Protokoll Nru 12 dwar in-non-diskriminazzjoni.

### 5 *Il-qrati nazzjonali huma obbligati japplikaw il-Konvenzjoni?*

Il-Konvenzjoni hija applikabbli fuq livell nazzjonali. Ġiet inkorporata fil-leġislazzjoni tal-Istati Parti, li mpenjaw ruħhom biex jipproteġġu d-drittijiet kif imsemmija fil-Konvenzjoni. Għalhekk il-qrati nazzjonali huma obbligati japplikaw il-Konvenzjoni. Kieku mhux hekk, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jkollha tikundanna l-Istat fil-kas ta' lmenti minn għand individwi dwar in-nuqqas ta' protezzjoni tad-drittijiet tagħhom.

## *Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB)*

### 6 *Kif inhi komposta l-Qorti?*

Il-Qorti fiha l-istess numru ta' mħallfin daqs kemm hemm Stati Parti tal-Konvenzjoni (attwalment 47)

### 7 *Kif jiġu eletti l-imħallfin tal-Qorti?*

L-imħallfin jiġu eletti mill-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa. Kull Stat jipproponi lista ta' tlett kandidati. Jiġu eletti għal perijodu ta' disgħa snin li ma jistax jiġġedded.

### 8 *L-imħallfin huma verament indipendenti?*

Minkejja li l-imħallfin jiġu eletti mill-Istat tagħhom, huma jisimgħu l-każijiet f'kapaċita` individwali u ma jirrappreżentawx dak l-Istat. Huma totalment indipendenti u ma jistgħux jieħdu sehem fl-ebda attivita` li tista' ma tkunx kompatibbli mad-dmir ta' indipendenza` u imparzjalita`.

### 9 *L-imħallfin jisimgħu każijiet li jirrigwardaw pajjiżhom?*

L-"imħallfin nazzjonali" ma jisimgħux każijiet li jirrigwardaw pajjiżhom fil-formazzjoni ta' imħallef wieħed. F'każijiet eċċezzjonali jistgħu jiġu mistiedna jieħdu sehem f'Kumitat. Pero`, "l-imħallef nazzjonali" huwa dejjem parti mil-komposizzjoni tal-Qorti meta din tisma' każijiet bħala kamra ta' seba mħallfin jew bħala Kamra Kbira ta' sbatax-il imħallef.

### 10 *X'inhu r-Reġistru u kif jiġi ġestit?*

Ir-Reġistru huwa l-entita` li tipprovdi lill-Qorti appoġġ legali u amministrattiv għax-xogħol ġudizzjarju tagħha. Huwa kompost minn avukati, personal amministrattiv u tekniku u tradutturi.

### 11 *X'inhu l-baġit tal-Qorti?*

L-ispiża tal-Qorti tiġi mħallsa mill-Kunsill tal-Ewropa, li l-baġit tiegħu huwa finanzjat mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati membri skont skali bbażati fuq il-popolazzjoni u l-Prodott Gross Domestiku.

Il-baġit tal-Qorti jkopri s-salarji tal-imħallfin u tal-personal, u spejjes oħra (IT, vjaġġi uffiċjali, traduzzjonijiet, interpretazzjoni, publikazzjonijiet, spejjes ta' rappreżentanza, għajnuna legali, missjonijiet ta' stħarriġ, eċċ.).





### 12 *Il-komposizzjoni tal-Qorti tista' tinbidel minn każ għal ieħor?*

Iva, il-każijiet kollha jiġu mismugħa quddiem waħda minn erbgħa formazzjonijiet.

Dawk l-applikazzjonijiet li jkunu manifestament inammissibbli jiġu eżaminati minn imħallef uniku. Kumitat ta' tlett imħallfin jista' jiddeċidi b'vot unanimu fuq l-ammissibilita` u l-mertu tal-każijiet diġa koperti mill-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti. Applikazzjoni tista' tiġi assenjata wkoll lil Kamra ta' seba mħallfin li tiddeċidi b'maġġoranza, l-ammissibilita` u l-mertu tal-każ.

Eċċezzjonalment, il-Kamra l-Kbira ta' 17-l imħallef tisma' dawk il-każijiet li jiġu rinvjati lilha wara rinunzja ta' ġurisdizzjoni minn waħda mill-Kmamar jew meta tiġi aċċettata talba ta' rinviju.

### 13 *X'inhi d-differenza bejn Kamra u Sezzjoni?*

Is-Sezzjoni hija entita` amministrattiva u l-Kamra hija formazzjoni ġudizzjarja tal-Qorti f'Sezzjoni partikolari.

Il-Qorti fiha ħames Sezzjonijiet li fihom jiġu ffurmati l-Kmamar. Kull Sezzjoni għandha President, Viċi-President u numru ta' mħallfin oħra.

### 14 *Kif inhuma komposti l-Kmamar u l-Kamra l-Kbira?*

Kamra hija komposta mill-President tas-Sezzjoni li lilha ġie assenjat il-każ, "l-imħallef nazzjonali" (l-imħallef elett mill-Istat li kontra tiegħu ġiet mressqa l-applikazzjoni) u ħames imħallfin oħra maħturin in rotazzjoni mill-President tas-Sezzjoni.

Il-Kamra l-Kbira hija komposta mill-President u l-Viċi-Presidenti tal-Qorti, il-Presidenti tas-Sezzjonijiet u l-imħallef nazzjonali, flimkien ma' mħallfin oħra magħżulin bix-xorti. Meta l-Kamra l-Kbira tisma' każ fuq rinviju, ma tinkludi l-ebda wieħed mill-imħallfin tal- Kamra li tkun semgħat il-każ l-ewwel darba.

### 15 *Meta tisma' każ il-Kamra l-Kbira?*

Il-bidu ta' proċediment quddiem l-Kamra l-Kbira jieħu żewġ forom: ir-rinviju u r-rinunzja.

Wara li Kamra tagħti sentenza, il-partijiet jistgħu jitolbu rinviju tal-każ lejn il-Kamra l-Kbira u dawn it-talbiet jiġu aċċettati f'każijiet eċċezzjonali. Panel ta' mħallfin tal-Kamra l-Kbira jiddeċidi jekk il-każ għandux jiġi rinvjat jew le lill-Kamra l-Kbira biex jiġi kkonsidrat mill-ġdid.

Il-każijiet jintbagħtu lill-Kmara l-Kbira wkoll meta ssir rinunzja minn Kamra, anki dan pero' jsir eċċezzjonalment. Il-Kamra li lilha jkun ġie assenjat każ tista' tirrinunzja għalih u tħallih għall-Kamra l-Kbira jekk il-każ iqajjem kwistjoni serja fuq l-interpretazzjoni tal-Konvenzjoni jew jekk ikun hemm xi riskju ta' inkonsistenza ma' sentenza preċedenti tal-Qorti.

### 16 *Jista' mħallef jirrifjuta li jisma' każ?*

Iva. L-imħallfin fil-fatt huma obbligati ma jieħdux sehem fil-konsiderazzjoni ta' każ jekk ikunu ħadu sehem fil-każ preċedentement fi kwalunque kapaċita'. Din tisejjaħ astensjoni. Meta mħallef jastjeni, jiġu sostitwiti b'imħallef ieħor u jekk l-imħallef li jkun astjena jkun dak nazzjonali jiġi maħtur imħallef *ad hoc*.

### 17 *X'inhu mħallef ad hoc?*

Imħallef *ad hoc* jiġi maħtur mill-gvern kkonċernat meta l-imħallef nazzjonali ma jismax il-każ minħabba inabilita`, astensjoni jew eżenzjoni.

### 18 *X'inhu l-ambitu tal-ġurisdizzjoni tal-Qorti?*

Il-Qorti ma tistax tibda każ b'inizzjattiva tagħha. Hija għandha ġurisdizzjoni biex tisma' allegazzjonijiet ta' ksur tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u dan tagħmlu abbażi ta' applikazzjonijiet individwali jew interstatali.

## *Procedura quddiem il-Qorti*

### 19 *Min jista' jġib każ quddiem il-Qorti?*

Il-Konvenzjoni tiddistingwi bejn żewġ tipi ta' applikazzjonijiet: l-applikazzjonijiet individwali li jiġu mressqa minn kwalunkwe persuna, grupp ta' individwi, kumpannija jew NGO li jkollhom lment fuq xi ksur tad-drittijiet tagħhom, u l-applikazzjonijiet interstatali li jitressqu minn Stat kontra xi Stat ieħor.

Minn mindu ġiet stabilita l-Qorti, kważi l-applikazzjonijiet kollha ġew imressqa minn individwi li ppreżentaw il-każ tagħhom direttament lill-Qorti fejn allegaw xi ksur ta' dritt jew drittijiet protetti mill-Konvenzjoni.

### 20 *Kontra min jinġiebu l-każijiet?*

Il-każijiet jistgħu jinġiebu biss kontra Stat jew Stati li rratifikaw il-Konvenzjoni. L'applikazzjonijiet li jiġu ppreżentati, per eżempju, kontra Stati terzi jew individwi jiġu ddikjarati inammissibbli.

### 21 *Kif jitressqu l-każijiet quddiem il-Qorti?*

Il-każijiet jistgħu jinġiebu direttament minn individwi. L-assistenza ta' avukat m'hijiex neċessarja fil-bidu tal-proċediment. Biżżejjed li wieħed jibgħad lill-Qorti formula ta' applikazzjoni mimlija kif imiss flimkien mad-dokumenti meħtieġa. Pero', il-fatt li l-applikazzjoni tiġi rreġistrata mill-Qorti ma jagħti ebda garanzija ta' ammissibilita` jew suċċess fuq il-mertu.

Is-sistema tal-Konvenzjoni tipprovvdi aċċess "faċli" għall-Qorti, għaliex tippermetti li kwalunkwe individwu jressaq każ anki jekk ikun jgħix f'reġun remota ta' Stat membru jew ikun fqir. Huwa għalhekk li l-proċedimenti quddiem il-Qorti huma bla ħlas.

### 22 *X'inhi d-differenza bejn applikazzjoni individwali u applikazzjoni interstatali?*

Il-maġġoranza tal-applikazzjonijiet quddiem il-Qorti huma applikazzjonijiet individwali ppreżentati minn persuni privati. Stat jista' jippreżenta applikazzjoni ukoll kontra Stat ieħor Parti tal-Konvenzjoni; din tissejjaħ applikazzjoni interstatali.



Mistoqsijiet frekwenti

### 23 *Huwa neċessarju li persuna tiġi rrappreżentata minn avukat fi proċediment quddiem il-Qorti?*

Ir-rappreżentazzjoni legali m'hijiex indispensabbli fil-bidu tal-proċediment; kwalunkwe persuna tista' ġġib każ quddiem il-Qorti hi stess. L-assistenza ta' avukat, pero', issir neċessarja ladarba l-Qorti tinnotifika l-każ lill-Gvern konvenut biex jibgħat l-osservazzjonijiet tiegħu. Minn dan l-istadju tal-proċediment il-quddiem (jekk ikun neċessarju) tista' tiġi konċessa l-għajnuna legali lill-applikanti.

### 24 *Min għandu dritt jagħmel sottomissjonijiet legali lill-Qorti?*

M'hemmx lista ta' avukati awtorizzati biex jagħmlu sottomissjonijiet lill-Qorti bil-miktub jew bil-fomm. L-applikant jista' jiġi rrappreżentat minn kwalunkwe persuna li tkun avukat kwalifikat biex jipprattika f'wieħed mill-Istati Parti tal-Konvenzjoni, jew li ġie awtorizzat mill-President tal-Kamra.

### 25 *Liema huma l-istadji differenti tal-proċediment quddiem il-Qorti?*

Hemm żewġ stadji ewlenin fil-konsiderazzjoni tal-każijiet li jitressqu quddiem il-Qorti: l-istadju tal-ammissibilita` u l-istadju tal-mertu (i.e. l-eżami tal-ilmenti). L-eżami tal-applikazzjonijiet jgħaddi minn fażijiet differenti wkoll.

Formazzjoni magħmula minn imħallef uniku tiddikjara applikazzjoni inammissibli fejn dan jidher b'mod ċar mill-bidu nett; id-deċiżjonijiet ta' din il-formazzjoni huma inappellabbli.

Kumitat jagħti deċiżjoni finali jew sentenza fuq każijiet koperti mill-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti.

Il-Kamra tinnotifika l-każ lill-Gvern konvenut biex jibgħat l-osservazzjonijiet tiegħu. L-osservazzjonijiet bil-miktub jiġu sottomessi miż-żewġ partijiet. Il-Qorti mbgħad tiddeċidi jekk huwiex xieraq li jsir smigħ pubbliku tal-każ, iżda din tibqa ħaġa eċċezzjonali in relazzjoni man-numru ta' applikazzjonijiet li jiġu eżaminati. Fl-aħħar, il-Kamra tagħti sentenza li ssir finali biss wara t-terminu ta' tlett xhur li fih l-applikant jew il-Gvern jista' jitlob ir-rinviju tal-każ lill-Kamra l-Kbira biex jinstema' il-każ mill-ġdid. Jekk it-talba għal rinviju tiġi aċċettata mill-panel tal-Kamra l-Kbira, il-każ jiġi kkonsidrat mill-ġdid u jekk ikun neċessarju jsir smigħ pubbliku. Is-sentenza tal-Kamra l-Kbira tkun finali.

### 26 *Liema huma l-kondizzjonijiet ta' ammissibilita`?*

L-applikazzjonijiet iridu jissoddisfaw ċerti rekwiżiti biex jiġu ddikjarati ammissibbli mill-Qorti; inkella l-ilmenti lanqas biss jiġu eżaminati. Il-każijiet jistgħu jitressqu quddiem il-Qorti biss wara li jkunu ġew eżawriti r-rimedji nazzjonali; fi kliem ieħor, l-individwi li jilmentaw ksur tad-drittijiet tagħhom iridu l-ewwel jressqu l-każ quddiem il-qrati tal-pajjiż kkonċernat, sa l-ogħla livell ta' ġurisdizzjoni possibbli. B'dan il-mod l-istess Stat jingħata l-opportunita` li jirrimedja l-ksur allegat fuq livell nazzjonali.

L-allegazzjonijiet tal-applikant iridu jirrigwardaw wieħed jew aktar mid-drittijiet kif msemmija fil-Konvenzjoni. Il-Qorti ma tistax teżamina lmenti li jirrigwardaw ksur ta' drittijiet oħra. L-applikazzjonijiet iridu jiġu ppreżentati lill-Qorti fi żmien sitt xhur minn l-aħħar deċiżjoni ġudizzjarja fuq il-każ, li s-soltu din tkun sentenza tal-ogħla

qorti tal-pajjiz ikkonċernat. L-applikant irid ikun, personalment u direttament, vittma ta' ksur tal-Konvenzjoni, u jrid ikun sofra minn żvantaġġ sinjifikanti. M'għandux jintesa, naturalment, li l-applikazzjonijiet jistgħu jiġu mressqa biss kontra wieħed jew aktar Stati Parti tal-Konvenzjoni, u mhux kontra kwalunkwe Stat jew kontra individwu.

### 27 L-NGOs u l-Istati jistgħu jieħdu sehem fil-proċedimenti?

Iva, kemm l-NGOs kif ukoll l-Istati jistgħu jippreżentaw applikazzjonijiet. Jistgħu wkoll jiġu awtorizzati mill-President tal-Qorti biex jintervjenu fil-proċedura bħala partijiet terzi.

### 28 X'inhi parti terza intervenjenti?

Il-President tal-Qorti jista' jawtorizza lil kwalunkwe persuna li ma tkunx l-applikant, jew lil Stat Parti tal-Konvenzjoni li ma jkunx dak li kontrieh ġiet ippreżentata l-applikazzjoni, biex jintervjeni fil-proċediment. Dan jissejjaħ intervenzjoni ta' parti terza. Il-persuna jew l-Istat in kwestjoni għandhom dritt jippreżentaw sottomissjonijiet u jieħdu sehem fi smigħ pubbliku.

### 29 Il-Qorti tista' taħtar periti jew tiġbor evidenza minn xiehda?

Iva. Eċċezzjonalment, il-Qorti tista' tiddeċidi li tieħu miżuri investigattivi u tivvjaġġa f'ċerti pajjiżi biex tiċċara l-fatti ta' każ partikolari. Id-delegazzjoni tal-Qorti mbgħad tista' tiġbor evidenza minn għand ix-xiehda u tagħmel investigazzjoni fuq il-post.

Okkażjonalment il-Qorti taħtar periti, per eżempju meta titlob tobba esperti jeżaminaw applikanti fil-ħabs.

### 30 Il-Qorti z-zomm smigħ pubbliċi?

Ġeneralment il-Qorti għandha proċedura bil-miktub, imma okkażjonalment tiddeċidi li z-zomm smigħ pubbliku f'każijiet partikolari.

Is-smigħ isir fil-Bini tad-Drittijiet tal-Bniedem fi Strasbourg. Is-smigħ jkun pubbliku, sakemm il-President tal-Kamra jew tal-Kamra l-Kbira ma jiddeċidix mod ieħor, skont kif ikun il-każ. Għaldaqstant l-istampa u l-pubbliku normalment ikunu awtorizzati jattendu; kull ma jridu juru fl-intrata tal-Qorti hija l-karta ta' l-istampa jew il-karta ta' l-identita`.

Is-smigħ kollu jiġi ffilmjat u mxandar fuq is-sit web tal-Qorti l-istess ġurnata, miss-2.30 ta' wara nofsinhar (ħin lokali).

### 31 X'inhuma l-oġġezzjonijiet preliminari?

L'oġġezzjonijiet preliminari huma argumenti sottomessi mill-Gvern konvenut biex jappoġġaw it-talba li l-każ ma għandux jiġi eżaminat fuq il-mertu.

### 32 X'inhu ftehim bonarju?

Ftehim bonarju huwa qbil bejn il-partijiet biex jintemm il-proċediment li jkun imbeda bl-applikazzjoni. Meta l-partijiet ikkonċernati jaqblu biex jirrisolvu l-kontroversja tagħhom b'dan il-mod, ir-riżultat normalment ikun li l-Istat iħallas somma flus lill-applikant. Wara li teżamina l-klawsuli tal-ftehim bonarju, u sakemm ma tikkonsidrax li r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem jirrikjedi li jitkompla l-proċediment, il-Qorti tikanċella l-applikazzjoni mill-lista.

Il-Qorti dejjem tinkoraġġixxi lill-partijiet biex jinnegozjaw ftehim bonarju. Jekk ma jintlaħaq l-ebda ftehim, il-Qorti tkompli l-eżami tal-mertu tal-applikazzjoni.

### 33 Il-Qorti tista' tordna miżuri temporanji?

Meta l-Qorti tirċevi applikazzjoni tista' tiddeċidi li l-Istat għandu jieħu ċerti miżuri provvisorjament waqt li jitkompla l-eżami tal-każ. Dan normalment ifisser li l-Qorti titlob lill-Istat biex ma jieħux ċerta azzjonijiet, per eżempju li ma jirritornax individwi lejn pajjiżi fejn qed jiġi allegat li dawn ikollhom jiffaċċaw il-mewt jew it-tortura.

### 34 Id-deliberazzjonijiet huma miftuħin għall-pubbliku?

Le, id-deliberazzjonijiet tal-Qorti huma dejjem sigrieti.

### 35 L-Istati qatt irrifjutaw li jikkooperaw mal-Qorti?

Kien hemm każijiet fejn xi Stati omettew jew irrifjutaw li jipprovdu lill-Qorti informazzjoni u dokumenti li hija talbet biex tkun tista' twettaq l-eżami tagħha tal-applikazzjoni.

F'dawn il-każijiet il-Qorti tista' tieħu passi kontra l-Istat skont l-Artikolu 38 tal-Konvenzjoni (li jobbliga lill-Istati jipprovdu lill-Qorti l-faċilitajiet kollha neċessarji).

### 36 Kemm idumu normalment il-proċedimenti quddiem il-Qorti?

M'huwiex possibbli li wieħed jagħti indikazzjoni fuq it-tul ta' proċediment quddiem il-Qorti.

Il-Qorti tagħmel ħilitha kollha biex tagħlaq il-każijiet kollha fi żmien tlett snin minn meta jiġu mressqa, imma l-eżami ta' ċerti każijiet jista' jieħu aktar żmien waqt li dak ta' oħrajn jista' jsir aktar malajr.

Naturalment it-tul ta' proċediment quddiem il-Qorti jvarja skont il-każ, il-formazzjoni li tiġi assenjata, id-diliġenza tal-partijiet huma u jagħtu l-informazzjoni lill-Qorti u ħafna fatturi oħra, per eżempju jekk isirx smigħ jew rinviju lill-Kamra l-Kbira.

Ċertu applikazzjonijiet jistgħu jiġu kklassifikati urġenti u jingħataw priorita` fit-trattament tagħhom, speċjalment dawk li fihom jiġi allegat li l-applikant qed jiffaċċa theddida imminenti ta' ħsara fisika.

## Id-deċizjonijiet u s-sentenzi tal-Qorti

### 37 X'differenza hemm bejn deċiżjoni u sentenza?

Deċiżjoni normalment tingħata minn imħallef singolu, Kumitat, jew Kamra tal-Qorti. Tirrigwarda biss l-ammissibilita` u mhux il-mertu tal-każ. Normalment, il-Kamra teżamina kemm l-ammissibilita` kif ukoll il-mertu ta' applikazzjoni fl-istess ħin; u wara tagħti sentenza.

### 38 *Is-sentenzi kontra l-Istati huma vinkolanti fuqhom?*

Is-sentenzi li jsibu ksur huma vinkolanti fuq l-Istat ikkonċernat u dan għandu l-obbligu jeżegwihom. Il-Kumitat tal Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa jżomm taħt osservazzjoni l-eżekuzzjoni tas-sentenzi, b'mod partikolari biex jiżgura li jitħallsu lill-applikanti l-ammonti ta' flus deċiżi mill-Qorti bħala kumpens għad-dannu li ġarrbu.

### 39 *Is-sentenzi huma appellabbli?*

Id-deċiżjonijiet ta' inammissibilita', kif ukoll is-sentenzi mogħtija mill-Kumitati jew mill-Kamra l-Kbira, huma finali u ma jistawx jiġu appellati. Pero`, il-partijiet għandhom tlett xhur żmien wara li l-Kamra tagħti sentenza biex jitolbu rinviju tal-każ biex jerġa' jiġi kkonsidrat mill-Kamra l-Kbira. It-talbiet għall-rinviju quddiem il-Kamra l-Kbira jiġu eżaminati minn panel ta' mħallfin li jiddeċidi jekk ir-rinviju għandux isir jew le.

### 40 *Kif jiġu nfurzati s-sentenzi tal-Qorti?*

Meta l-Qorti tagħti sentenza li ssib vjolazzjoni, hi tittrażmetti l-file lill-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa, li jittratta mall-pajjiż ikkonċernat u mad-dipartiment responsabbli tal-eżekuzzjoni tas-sentenzi biex jiddeċidu kif is-sentenza għanda tiġi eżegwita u kif jistgħu jipprevjenu vjolazzjonijiet simili tal-Konvenzjoni fil-futur. Dan jirriżulta` f'miżuri ġenerali, speċjalment emendi fil-leġislazzjoni, u miżuri individwali fejn ikun hemm bżonn.

### 41 *X'inhuma l-konsegwenzi meta sentenza ssib vjolazzjoni*

Meta tinstab vjolazzjoni, l-Istat ikkonċernat irid jiżgura b'reqqa li ma jerġawx isiru vjolazzjonijiet simili fil-futur, inkella l-Qorti tista' terġa tagħti sentenzi ġodda oħra kontrihom. F'ċerti każijiet l-Istat ikollu jemenda l-leġiżslazzjoni sabiex din tkun konformi mal-Konvenzjoni.

### 42 *X'inhi s-soddisfazzjon xierqa?*

Meta l-Qorti tikkundanna Stat u tara li l-applikant ġarrab dannu, hi tordna li l-applikant jingħata soddisfazzjon xierqa, li tikkonsisti f'somma ta' flus bħala kumpens għad-dannu. Il-Kumitat tal-Ministri jiżgura li kull somma ordnata mill-Qorti fil-fatt titħallas lill-applikant.

### 43 *X'inhu każ pilota?*

F'dawn l-aħħar snin il-Qorti żviluppat proċedura ġdida biex tittratta l-fluss kbir ta' applikazzjonijiet li jirrigwardaw kwistjonijiet simili, magħrufin anki bħala "kwistjonijiet sistemiċi" – i.e. dawk li ġejjin min-nuqqas ta' konformita` tal-liġi nazzjonali mal-Konvenzjoni.

Għaldaqstant il-Qorti reċentement implementat proċedura li tikkonsisti fl-eżami ta' waħda jew aktar applikazzjonijiet ta' dan it-tip, waqt li l-eżami ta' serje ta' każijiet simili tiġi aġġornata (fi kliem ieħor, postposta). Meta l-Qorti tagħti s-sentenza tagħha fuq il-każ pilota, hi titlob lill-Gvern ikkonċernat ibiddel il-leġislazzjoni nazzjonali tiegħu sabiex tkun konformi mal-Konvenzjoni u tindika l-miżuri ġenerali li għandhom jittieħdu. Imbgħad teżamina l-każijiet l-oħra simili.





### 44 *X'inhi opinjoni separata?*

L-imħallfin jistgħu jiktbu opinjoni fuq każ li jkunu semgħu u l-opinjonijiet tagħhom imbgħad jiġu megħmużin mas-sentenza. In ġenerali huma jispjegaw għaliex ivvutaw mal-maġġoranza (opinjoni ta' qbil) jew, bil-kontra, għaliex ma qablux mal-maġġoranza tal-imħallfin (opinjoni kuntrarja).

## *L-Attivita` tal-Qorti*

### 45 *Kemm jinġiebu każijiet quddiem il-Qorti?*

Il-Qorti hija l-vittma tas-suċċess tagħha stess: jiġu ppreżentati aktar minn 50,000 applikazzjoni ġdida kull sena. Ir-riperkussjonijiet ta' ċerti sentenzi tal-Qorti fuq bażi regolari u r-rikonixximent dejjem akbar tal-ħidma tagħha fost iċ-ċittadini tal-Istati Parti, għandhom impatt konsiderevoli fuq in-numru ta' każijiet li jittressqu kull sena.

### 46 *Liema drittijiet jirrigwardaw il-maġġoranza tal-każijiet?*

Bejn wieħed u ieħor, minn mindu bdiet taħdem il-Qorti, nofs is-sentenzi li fihom instabet vjolazzjoni, dien kienet tirrigwarda l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni kemm inkwantu d-dewmien tal-proċediment kif ukoll kienx ġust. Fil-fatt, 58% tal-vjolazzjonijiet misjuba mill-Qorti jirrigwardaw jew l-Artikolu 6 (id-dritt għall-smigħ xieraq) jew l-Artikolu 1 tal-Protokoll Nru 1 (il-protezzjoni tal-proprjeta`). Imbgħad bejn wieħed u ieħor f'11% tal-każijiet, il-Qorti sabet ksur serju tal-Konvenzjoni, bħal tal-Artikoli 2 u 3 tal-Konvenzjoni (id-dritt għall-ħajja u l-projbizzjoni tat-tortura u t-trattament inuman u degradanti).

### 47 *Il-miżuri provisorji huma verament effettivi?*

Waqt li l-Istati kważi dejjem isegwu l-indikazzjonijiet tal-Qorti fir-rigward tal-miżuri provisorji, huwa magħruf li xi uhud minnhom ma jieħdux l-azzjoni meħtieġa wara li jirċievu talba mill-Qorti. Il-Qorti tista' ssib li dawn l-iStati jkunu naqsu mill-obbligu tagħhom skont l-Artikolu 34 (id-dritt għall-applikazzjoni individwali).

### 48 *Il-Qorti ġieli tittratta kwistjonijiet li jirrigwardaw is-soċjeta`?*

Naturalment illum il-Qorti tintalab tirrisolvi kwistjonijiet li ma kienux prevedibli fl-1950 meta ġiet iffirmata l-Konvenzjoni. F'dawn l-aħħar 50 sena, il-Qorti ħarġet sentenzi fuq bosta kwistjonijiet li jirrigwardaw is-soċjeta`, per eżempju: kwistjonijiet marbutin mal-abort, is-suwiċidju assistit, it-tfittxija intima fuq il-persuna, l-iskjavitu` domestika, id-dritt li wieħed ma jiġix mwaqqaf milli jfittex l-oriġni tiegħu minħabba l-possibilta` li l-ommijiet iwelldu anonimament, il-velu Iżlamiku fl-iskejjel u l-universitajiet, il-protezzjoni tas-sorsi tal-ġurnalisti, id-diskriminazzjoni kontra r-Roma u kwistjonijiet li jirrigwardaw l-ambient.

## *Il-Futur tal-Qorti*

### 49 *X'inhu l-Protokoll Nru 14?*

Il-Protokoll Nru 14, immirat biex jiggarantixxi l-effiċjenza tal-Qorti fuq medda twila ta żmien billi jtejjeb il-filtraġġ u l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet, jipprovdi b'mod partikolari għall-ħolqien ta' formazzjonijiet ġudizzjarji ġodda biex jiġu ttrattati l-aktar każijiet sempliċi, jipprovdi għal kriterju ta' ammissibilita' ġdid (il-kriterju ta' "l-iżvantaġġ sinjifikanti") u jipprovdi għall-estensjoni tal-mandat tal-imħallfin sa disgħa snin mingħajr possibilta` li jerġgħu jiġu eletti. Dan il-Protokoll daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2010.

### 50 *Xi pjanijiet hemm għal riforma?*

Indipendentement mil-Protokoll Nru 14, ġie kkonsidrat li hemm bżonn ta' aktar riformi fis-sistema tal-Konvenzjoni u Grupp ta' Għorrief magħmul minn ġuristi eminenti, ippreżenta r-rapport tiegħu lil-Kumitat tal-Ministri f'Novembru tal-2006. Fost affarijiet oħra, l-Grupp irrakkomanda l-ħolqien ta' mekkanismu ġdid ta' filtraġġ ġudizzjarju u t-tfassil ta' Statut rigwardanti ċerti elementi organiżżattivi tal-funzjonament tal-Qorti; b'dan il-mekkanismu l-Istatut jista' jiġi emendat b'mod aktar flessibbli milli bil-proċess li jiġi applikat għat-trattati internazzjonali li hu meħtieġ għall-Konvenzjoni.

Il-Kumitat Direzzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa qed jeżamina l-proposti differenti.

Lulju 2012

Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem
Relazzjonijiet Pubbliċi
Council of Europe
67075 Strasbourg cedex
France

www.echr.coe.int

EUROPEAN COURT OF HUMAN RIGHTS
COUR EUROPÉENNE DES DROITS DE L'HOMME

www.echr.coe.int